# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel*

PROVIŻORJU
**2006/0302(COD)**

19.4.2007

# ***I
# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda id-Direttiva 2002/96/KE dwar l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE), rigward is-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (COM(2006)0914 – C6-0019/2007 – 2006/0302(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

Rapporteur: Karl-Heinz Florenz

PR_COD_1am

### *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| ***I | Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **II | Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| *** | Proċedura ta' kunsens<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE* |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **II | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt* |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

### *Emendi għal test leġiżlattiv*

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........5

NOTA SPJEGATTIVA ..........7

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda id-Direttiva 2002/96/KE dwar l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE), rigward is-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (COM(2006)0914 – C6-0019/2007 – 2006/0302(COD))**

**(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0914)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 175 Absatz 1 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0019/2007),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0000/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| Test propost mill-Kummissjoni2 | Emendi tal-Parlament |
|---|---|

Emenda 1
ARTIKOLU 1, PUNT 4
Artikolu 14, paragrafu 3 (Direttiva 2000/96/KE)

| | |
|---|---|
| 3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 5a(1) sa (4) ***u (5)(a)***, u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, wara li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonjiet ta' l-Artikolu 8 tagħhom. | 3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, wara li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonjiet ta' l-Artikolu 8 tagħhom. |

[1] ĠU C ... / Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.
2fn

*Ġustifikazzjoni*

*Mhuwiex xieraq li jitnaqqsu l-iskadenzi standard taż-żmien tal-proċedura regolatorja bi skrutinju. Għalhekk ir-referenza għall-Artikolu 5a, paragrafu (5)(a) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE hija mħassra.*

## NOTA SPJEGATTIVA

L-aġġustament tad-Direttiva dwar vetturi li ma jkunux jistgħu jibqgħu jintużaw għad-Deċiżjoni riveduta ta' Komitoloġija 1999/468/KEE għandha tqis bis-sħiħ il-proċedura regolatorja bi skrutinju li għadha kemm ġiet introdotta. Ir-referenzi għal din il-proċedura għandhom ikunu ċari u m'għandhomx jinvolvu kwalunkwe tnaqqis tal-limiti taż-żmien meta mqabbla mal-limiti ta' żmien standard tal-proċedura regolatorja bi skrutinju.